KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.10.2006
KUMM(2006) 567 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-EWROPA GLOBALI: KOMPETIZZJONI DINJIJA

Kontribut lill-Istrateġija ta' l-UE għat-TkabbirEkonomiku u l-Impjiegi

{SEG(2006) 1228}
{SEG(2006) 1229}
{SEG(2006) 1230}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-EWROPA GLOBALI: KOMPETIZZJONI DINJIJA

Kontribut lill-Istrateġija ta' l-UE għat-TkabbirEkonomiku u l-Impjiegi

1. L-GĦAN TAL-KOMUNIKAZZJONI

It-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u l-opportunità li joħolqu, huma fil-qalba ta' l-aġenda tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ewropa. Huma essenzjali għall-ġid ekonomiku, il-ġustizzja soċjali u l-iżvilupp sostenibbli u sabiex l-Ewropej ikunu lesti għall-globalizzazzjoni. Huma l-kriterju ewlieni li permezz tiegħu iċ-ċittadini jqisu jekk l-Ewropa hijiex tagħtihom riżultat fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Fl-2005, l-istrateġija mġedda ta' Liżbona pproponiet il-passi li rridu nieħdu fl-Ewropa sabiex inwasslu t-tkabbir u l-impjiegi. Enfasizzat li f'suq miftuħ b'regoli interni ta' kwalità għolja, infurzati effettivament, f'oqsma bħall-kompetizzjoni, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-impjiegi, il-politika soċjali u ta' koeżjoni hija essenzjali sabiex il-kumpaniji Ewropej jingħataw għajnuna sabiex jikkompetu globalment. U enfasizzat il-ħtieġa sabiex jiġu żgurat li s-swieq jinfetħu madwar id-dinja.

Din l-aġenda interna trid tiġi kkomplementata b'aġenda esterna sabiex tinħoloq opportunità f'ekonomija globalizzata li tinkludi l-politika tagħna ta' kummerċ u politiki esterni oħra. Il-prijorità esterna tagħna f'dan il-qasam f'dawn l-aħħar snin kienet li nsegwu ftehim ambizzjuż, bilanċjat u ġust sabiex nilliberalizzaw aktar il-kummerċ internazzjonali, u b'hekk niftħu s-swieq li fihom jistgħu jikkompetu l-kumpaniji Ewropej u nipprovdu opportunitajiet ġodda għat-tkabbir u l-iżvilupp. Il-WTO tibqa' l-aktar mod effettiv sabiex nespandu u mmexxu l-kummerċ f'sistema msejsa fuq ir-regoli, u ġebla tax-xewka tas-sistema multilaterali. L-Aġenda ta' l-Iżvilupp ta' Doha tibqa' l-ewwel prijorità tagħna, u l-Kummissjoni qed taħdem intensivament sabiex terġa tibda' n-negozjati ta' Doha wara li ġew sospiżi f'Lulju 2006.

Permezz tal-politiki kummerċjali tagħna, inifittxu wkoll li nikkontribwixxu għal medda ta' għanijiet esterni ta' l-Unjoni, partikolarment għanijiet marbuta ma' l-iżvilupp u mal-viċinat. Dawn se jibqgħu funzjonijiet ewlenin tal-politika kummerċjali ta' l-UE. Il-koerenza tal-politiki esterni ta' l-Unjoni hija vitali sabiex jissaħħaħ ir-rwol globali ta' l-UE.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li jiġi propost il-kontribut tal-politika kummerċjali għall-istimolu tat-tkabbir u l-ħolqien ta' l-impjiegi fl-Ewropa. Tipproponi kif, f'ekonomija globali li qed tinbidel malajr, nistgħu nibnu politika ta' kummerċ estern li tkun aktar komprensiva, integrata u li tħares 'il quddiem, li tagħti kontribut akbar għall-kompetittività ta' l-Ewropa. Tenfasizza l-ħtieġa li nadattaw l-għodod ta' politika kummerċjali ta' l-UE għal sfidi ġodda, sabiex ninvolvu msieħba ġodda, u b'hekk niżguraw li l-Ewropa tibqa' miftuħa għas-swieq dinjija u s-swieq l-oħra li huma miftuħin għalina.

Din il-Komunikazzjoni tindirizza wkoll xi wħud mir-rabtiet bejn il-politiki li nsegwu f'pajjiżna kif ukoll 'il barra minn pajjiżna. Hekk kif il-globalizzazzjoni xxejjen id-

distinzjonijiet bejn il-politiki domestiċi u internazzjonali, il-politiki domestiċi tagħna kemm-il darba se jkollhom influwenza determinanti fuq il-kompetittività barranija tagħna u viċe versa. L-għarfien tal-ħtieġa għal approċċ integrat u koerenti għall-isfidi domestiċi u globali kien marka distintiva ta' din il-Kummissjoni.[1] Iżda hemm aktar x'isir sabiex dan jiġi rifless fil-modi li naħsbu u naħdmu.[2]

2. DINJA LI QED TINBIDEL

Tibdiliet fl-ordni ekonomiku globali llum huma sinifikanti għall-ekonomija dinjija u r-relazzjonijiet internazzjonali daqskemm kienu sinifikanti fi tmiem il-Gwerra Bierda. L-integrazzjoni ekonomika globali qed tħaffef il-pass, xprunata minn flussi ta' kummerċ u ta' kapital li qed jikbru, swieq finanzjarji aktar integrati, spejjeż ta' trasport dejjem jonqsu, u r-revoluzzjoni fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Dan qed joħloq opportunitajiet mingħajr preċedent għat-tkabbir u għall-iżvilupp. Madankollu qiegħed ukoll ipoġġi pressjonijiet ġodda fuq ir-riżorsi naturali, partikolarment il-klima tagħna u fuq l-industriji u l-impjiegi tradizzjonali. Wassal għal erożjoni ta' ċertezzi tradizzjonali u qajjem biżgħat ġodda.

Il-kumpaniji qed jirrispondu għal dawn it-tibdiliet, jikkombinaw teknoloġiji avvanzati u kapital barrani ma' sorsi kbar ta' forza tax-xogħol li qiegħda dejjem aktar teduka ruħha fid-dinja li qed tiżviluppa. Il-katini tal-provvista globali qed jinbidlu hekk kif il-kumpaniji jibagħtu barra l-produzzjoni kumplessa u s-servizzi lil ekonomi li jneffquhom anqas. Il-komponenti ta' prodott wieħed jistgħu jinkisbu minn firxa ta' pajjiżi, biex b'hekk il-kummerċ tradizzjonali f'oġġetti lesta jiġi ssostitwit.

Aktar pajjiżi minn qatt qabel qed jaħtfu l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni. Fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin, l-Istati Uniti, l-Ewropa u l-Ġappun mexxew l-ekonomija dinjija. Illum, qed jingħaqdu magħhom ekonomiji li huma dejjem aktar miftuħa u li qed jikbru, partikolarment iċ-Ċina u l-Indja, iżda wkoll il-Brażil, ir-Russja u oħrajn. Iċ-Ċina diġà hija t-tielet l-akbar esportatur u x'aktarx li ssir it-tieni l-akbar ekonomija nazzjonali fi ftit snin. Fl-istess perjodu, l-Indja tista' ssir is-6 l-akbar.

B'riżultat ta' dan qed tinbidel in-natura tal-kummerċ dinji. Għadna ma ngħixux f'dinja mingħajr tariffi, iżda ħafna setturi mexjin f'dik id-direzzjoni. Għall-Ewropa, l-għarfien, l-innovazzjoni, il-proprjetà intellettwali, is-servizzi u l-użu effiċjenti tar-riżorsi issa huma l-qofol tal-kompetittività. Il-politika kummerċjali u l-aproċċ kollu tagħna għall-kompetittività internazzjonali jeħtieġ li jiġu adattati.

3. ANALIŻI: IS-SISIEN TAL-KOMPETITTIVITÀ TA' L-UE

Jeżistu żewġ rekwiżiti kritiċi u marbuta għall-kompetittività Ewropea. L-ewwelnett, li jkollna l-politiki interni t-tajbin, li jirriflettu l-isfida kompetittiva esterna u li jżommulna idejna miftuħa għall-kummerċ u l-investiment. It-tieninett, li niżguraw li

---

1 Ara "Aġenda taċ-Ċittadini għall-Ewropa" (A Citizen's Agenda for Europe) adottata mill-Kummissjoni f'Mejju 2006, l-"Istrateġija mġedda ta' l-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli" (EU's renewed Strategy for Sustainable Development) adottata mill-Kunsill f'Ġunju 2006, u "L-Ewropa fid-Dinja" (Europe in the World), adottata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2006.

2 Id-dokument ta' ħidma ta' l-istaff fih analiżi aktar dettaljata li tagħti l-isfond ta' din il-Komunikazzjoni.

swieq oħra jkunu aktar miftuħa u jkollhom regoli aktar ġusti, partikolarment l-imsieħba kummerċjali ewlenija tagħna fil-ġejjieni. **It-tnejn li huma jridu jkunu sostnuti minn regoli trasparenti u effettivi – domestiċi, bilaterali u multilaterali**.

3.1. Il-Politiki t-Tajba f'Pajjiżna

i) <u>Swieq kompetittivi:</u> is-suq uniku huwa vitali fil-ħolqien ta' kumpaniji globalment kompetittivi fl-UE. Id-dixxiplini tiegħu jippromwovu l-prevedibbiltà u t-trasparenza u jippermettu li n-negozju jisfrutta d-daqs tas-sweiq u l-ekonomiji fil-kobor, jinkoraġġixxu l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u l-innovazzjoni u ma jħallux li l-għajnuniet mill-istat jintużaw bħala għodda antikompetittiva u protezzjonista. Rawwem l-iżvilupp ta' regoli u standards ta' kwalità għolja li jgħinu fl-iffurmar ta' normi globali.

Is-swieq kompetittivi għenu lill-industrija Ewropea tal-manifattura sabiex ġeneralment iżżomm is-sehem tagħha tal-PGD fid-dawl tal-globalizzazzjoni, filwaqt li l-qagħda ta' l-Istati Uniti u l-Ġappun iddgħajfet. Il-prodott ta' l-industrija ta' l-UE żdied b'40% matul l-aħħar għoxrin sena[3] u l-qagħda ta' l-UE fis-swieq dinjija baqgħet kważi ma nbidlitx. L-industriji tas-servizzi tagħna huma mexxejja dinjija f'medda wiesgħa ta' oqsma.

Dan huwa l-każ l-aktar għaliex il-kumpaniji ta' l-UE jbigħu prodotti u servizzi bi *premium* ta' disinn u kwalità[4]. Il-prodotti ta' kwalità superjuri huma responsabbli għal terz tad-domanda dinjija u nofs l-esportazzjoni Ewropea. F'dawn il-prodotti ta' valur ogħla, l-UE qiegħda t-tieni, eżatt wara l-Ġappun, iżda qabel l-Istati Uniti, filwaqt li pajjiżi bħaċ-Ċina għadhom lura sew.

Iżda l-UE qed titlef il-vantaġġ fl-oqsma ta' l-ogħla teknoloġija. It-titjib tar-rendiment tagħna fl-innovazzjoni, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, kemm għall-prodotti – fosthom prodotti agrikoli ta' kwalità b'valur miżjud għoli – kif ukoll għas-servizzi huwa kritiku biex tinżamm il-kapaċità li għandha l-UE għall-bejgħ ta' prodotti ta' l-aqwa kwalità. Jeħtieġ li nqisu wkoll il-punt fokali estern tagħna. L-esportazzjoni Ewropea hija b'saħħitha f'pajjiżi fejn id-domanda hija statika, iżda mhix f'pożizzjoni daqshekk tajba fil-konfront tal-Ġappun u l-Istati Uniti fi swieq li qed jikbru b'rata mgħaġġla, partikolarment fl-Ażja.

ii) <u>Swieq miftuħa</u>: Ekonomija Ewropea miftuħa hija essenzjali għall-ħolqien ta' l-impjiegi u t-tkabbir fl-Ewropea għall-kompetittività internazzjonali tagħna. Jekk nilqgħu b'idejn miftuħa l-kummerċ globali u l-investiment, intejbu l-kapaċità tagħna li nisfruttaw il-benefiċċji ta' suq uniku effettiv. Nesponu lill-ekonomija domestika għal pressjonijiet kompetittivi kreattivi, li jservu ta' impetu u li jippremjaw l-innovazzjoni, u nipprovdu aċċess għal teknoloġiji ġodda u nżidu l-inċentivi għall-investiment.

Jeħtieġ li l-Ewropa twarrab il-protezzjoniżmu. Il-protezzjoniżmu jgħolli l-prezzijiet għall-konsumaturi u n-negozju u jillimita l-għażla. Fit-terminu l-medju, il-ħarsien ta' setturi li jikkompetu ma' l-importazzjoni minn kompetizzjoni esterna ġusta, jiżvija r-riżorsi mis-setturi l-aktar produttivi ta' l-ekonomija. Peress li ġidna jiddependi mill-kummerċ, l-ostakli reċiproċi li jagħmlulna l-oħrajn ikunu ta' ħsara għall-ekonomija tagħna.

---

[3] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "A new industrial policy: creating the conditions for manufacturing to thrive" (Ottubru 2005) (Politika industrijali ġdida: il-ħolqien tal-kundizzjonijiet biex il-manifattura tistagħna)

[4] CEPII (2004), European industry's place in the International Division of Labour: situation and prospects (Post l-industrija Ewropea fit-Tqassim Internazzjonali tax-Xogħol: qagħda u prospetti)

L-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet temporanji u mmirati fuq l-importazzjonijiet antikompettivi lejn l-Ewropa jista' jkollha rwol fid-difiża ta' l-interessi Ewropej mill-kummerċ inġust. Irridu nżommu dawn l-istrumenti meħtieġa ta' difiża kummerċjali filwaqt li niżguraw li jiġu adattati għal kundizzjonijiet ta' kummerċ globali li qed jinbidlu.

iii) <u>Ġustizzja soċjali</u>: Irridu nirrikonoxxu wkoll l-impatti tal-ftuħ tas-swieq għal ċerti reġjuni u ħaddiema, partikolarment dawk anqas kwalifikati, li potenzjalment jistgħu ikunu ta' xkiel. Il-bidla strutturali mhix xi ħaġa ġdida, iżda hija mgħaġġla aktar bil-globalizzazzjoni. It-tneħħija ta' l-ostakli għall-aġġustament fis-suq intern u ċ-ċaqliq tar-riżorsi għal setturi fejn jistgħu jintużaw bl-aktar mod effettiv hija essenzjali biex jiġu rrealizzati l-benefiċċi tal-kummerċ u sabiex jinħolqu l-impjiegi fl-Ewropa. Iżda l-effetti negattivi tal-ftuħ tal-kummerċ jista' jinħass ferm f'setturi jew reġjuni partikolari, u jista' jkebbes l-oppożizzjoni politika għall-kummerċ ħieles. Jeħtieġ li naħdmu aħjar biex nantiċipaw l-effetti tal-ftuħ tal-kummerċ. billi ngħinu lis-setturi, lir-reġjuni u lill-ħaddiema biex jadattaw; u billi niżguraw li l-benefiċċji jgħaddu għand iċ-ċittadini tagħna. Hekk kif nimxu fit-triq tal-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni f'pajjiżna, għandna nfittxu wkoll li nippromwovu l-valuri tagħna, fosthom dawk soċjali u ambjentali, madwar id-dinja[5].

3.2. Il-Ftuħ ta' Swieq Barranin

Il-ftuħ progressiv tal-kummerċ huwa sors importanti ta' kisbiet tal-produttività, it-tkabbir u l-ħolqien ta' l-impjiegi. Huwa fattur essenzjali fit-tnaqqis tal-faqar u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp, bil-potenzjal fit-tul li jgħin sabiex jiġu indirizzati ħafna mill-fatturi fl-isfond li jmexxu l-isfidi globali li nħabbtu wiċċna magħhom, mis-sigurtà sal-migrazzjoni sat-tibdil fil-klima.

L-argument ewlieni tagħna huwa li t-twarrib tal-protezzjoniżmu f'pajjiżna għandu jkun akkumpanjat mill-attiviżmu fil-ħolqien ta' swieq miftuħa u kundizzjonijiet ġusti għall-kummerċ barra minn pajjiżna. Dan itejjeb l-ambjent kummerċjali globali u jgħin sabiex tiġi xprunata r-riforma ekonomika f'pajjiżi oħra. Isaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva ta' l-industrija ta' l-UE f'ekonomija globalizzata u huwa meħtieġ sabiex jiġi sostnut l-appoġġ politiku domestiku biex inkunu miftuħa aħna stess. Hemm żewġ elementi ċentrali fit-triq ta' din l-aġenda: involviment akbar ma' l-ekonomiji u r-reġjuni maġġuri li qed jixirfu; u ffokar aktar qawwi fuq ix-xkiel għall-kummerċ wara l-fruntiera.

Ekonomiji maġġuri li qed jixirfu, partikolarment, iċ-Ċina, l-Indja, u l-Brażil bir-raġun qed jaħsdu l-benefiċċi tar-rwol dejjem jikber tagħhom fil-kummerċ dinji. Flimkien issa jirrappreżentaw 15% tal-flussi kummerċjali globali. Dan it-tkabbir, ibbażat fuq il-liberalizzazzjoni progressiva, kien essenzjali għall-kisbiet storiċi tagħhom billi ħareġ miljuni ta' nies mill-faqar.

L-UE diġà hija miftuħa ferm għall-esportazzjoni minn dawn il-pajjiżi emerġenti u minn pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw, u lesta li tmur lil hinn minn dan. Iżda ħafna pajjiżi emerġenti jikkombinaw tkabbir għoli ma' ostakli għolja żżejjed għall-esportazzjoni mill-UE. Hekk kif jikbru r-rwol tagħhom u l-benefiċċi li jisiltu mis-sistema ta' kummerċ globali, hekk ukoll jikbru r-responsabbiltajiet tagħhom sabiex ikollhom sehem sħiħ fiż-żamma ta' reġim globali li jiffavorixxi s-swieq miftuħa.

---

[5] Ara "Nippromwovu xogħol deċenti għal kulħadd", adottata mill-Kummissjoni f'Mejju 2006.

Dan il-ftuħ m'għadux jirrigwarda biss it-tariffi. L-iżgurar ta' aċċess għas-swieq veru fis-seklu 21 ifisser li wieħed jiffoka fuq kwistjonijiet ġodda u jiżviluppa l-għodod tal-politika kummerċjali sabiex jinkisbu t-tipi ta' ftuħ li verament jagħmlu d-differenza:

i) <u>Ostakli mhux tariffarji</u>: It-tnaqqis tat-tariffi jibqa' importanti għall-ftuħ tas-swieq għal esportazzjonijiet industrijali u agrikoli Ewropej. Iżda hekk kif jaqgħu it-tariffi, ostakli mhux tariffarji, bħal regolamenti u proċeduri li jxekklu wisq il-kummerċ isiru l-ostakli ewlenin. Kemm-il darba dawn ikunu anqas viżibbli, aktar kumplessi u jistgħu ikunu aktar sensittivi għaliex jinvolvu direttament ir-regolazzjoni domestika. Ir-regolazzjoni tal-kummerċ hija meħtieġa u leġittima iżda għandha ssir b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, bl-inqas restrizzjoni possibbli fuq il-kummerċ b'konsistenza ma' l-ilħiq ta' għanijiet oħra ta' politika pubblika.

L-indirizzar ta' ostakli mhux tariffarji oħra huwa kkumplikat, jesiġi ħafna riżorsi u għadu mhux kopert kompletament mis-sistema tal-WTO. Strumenti bħal ftehimiet ta' għarfien reċiproku, standardizzazzjoni internazzjonali u djalogi regolatorji, kif ukoll assistenza teknika lil pajjiżi terzi, se jibqa' jkollhom rwol dejjem aktar importanti fil-promozzjoni tal-kummerċ u fil-prevenzjoni ta' regoli u standards li jgħawġu l-kompetizzjoni. Dan se jirrikjedi metodi ġodda ta' xogħol fi ħdan il-Kummissjoni u ma' oħrajn, fosthom l-Istati Membri u l-industrija sabiex jiġu indentifikati u indirizzati l-ostakli.

ii) <u>Aċċess għar-riżorsi:</u> Aktar issa minn qatt qabel, jeħtieġ li l-Ewropa timporta u tesporta. L-indirizzar tar-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għar-riżorsi bħall-enerġija u l-metall u l-iskrepp, materji primi ewlenin fosthom ċertu materjal agrikolu, u ġlud għandu jkun prijorità għolja. Miżuri meħuda minn xi wħud mill-akbar soċji kummerċjali tagħna sabiex jirrestriġu l-aċċess għall-provvisti tagħhom ta' dawn ir-riżorsi qed jirriżultaw fi problemi kbar għal ċerti industriji ta' l-UE. Sakemm ma jkunux ġustifikati għal raġunijiet ta' sigurtà jew ambjentali, ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għar-riżorsi għandhom jitneħħew.

L-enerġija se tkun partikolarment importanti. Hekk kif id-domanda globali tiżdied u l-Ewropa ssir aktar dipendenti fuq sorsi esterni ta' l-enerġija, l-UE teħtieġ tkompli tiżviluppa politika koerenti għall-enerġija kompetittiva, sikura u sostenibbli. Internament, dan ifisser it-tlestija ta' suq ta' l-enerġija kompetittiv, mifrux ma' l-UE kollha kemm hi, u l-promozzjoni ta' taħlita ta' enerġija li tkun sostenibbli, effiċjenti u varjata. Esternament, jeħtieġ li nippruvaw intejbu t-trasparenza, il-governanza u l-kummerċ fis-settur ta' l-enerġija f'pajjiżi terzi permezz ta' kundizzjonijiet mhux diskriminatorji ta' tranżitu u aċċess ta' partijiet terzi għall-infrastruttura tar-rotta ta' esportazzjoni. u billi nikkontribwixxu għat-titjib tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u esportazzjoni u niżviluppaw infrastruttura għat-trasport ta' l-enerġija. Id-diversità tas-sorsi, l-provvistà u tat-tranżitu hija essenzjali għall-politiki interni u esterni tagħna.

Il-mixja lejn it-tkabbir ekonomiku permezz tal-kummerċ jista' jkollha implikazzjonijiet ambjentali, partikolarmnet għall-bijodiversità u l-**klima** tagħna**.** Jeħtieġ li l-politiki ta' kompetittività esterna tagħna jinkoraġġixxu l-effiċjenza ta' l-enerġija, l-użu ta' enerġiji rinnovabbli, inklużi l-bijofjuwils, teknoloġija għal emissjonijiet aktar baxxi u l-użu razzjonali ta' l-enerġija fl-Ewropa u madwar id-dinja, kemm biex titnaqqas iż-żieda fid-domanda globali għall-enerġija kif ukoll sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista. Ir-rabtiet bejn il-politika kummerċjali u t-tibdil fil-klima partikolarment se jeħtieġu aktar studju.

iii) <u>Oqsma ġodda ta' tkabbir ekonomiku:</u> Se nkunu neħtieġu ffokar aktar qawwi fuq il-ftuħ tas-swieq u regoli aktar b'saħħithom fl-oqsma ġodda ta' kummerċ li huma ta' importanza

ekonomika għalina, notevolment **il-proprjetà intellettwali (IPR), is-servizzi, l-investiment, il-kuntratti pubbliċi u l-kompetizzjoni**.

Il-valur ta' l-aċċess għal swieq ġodda għall-impriżi ta' l-UE jitnaqqas serjament jekk il-pajjiżi kkonċernati ma jipprovdux biżżejjed ħarsien **ta' l-IPR.** Ksur ta' l-IPR jiċħdu lid-detenturi tad-dritt mill-introjtu li jagħtihom l-investiment u fl-aħħar mill-aħħar jheddu l-vijabbiltà ta' l-aktar kumpaniji innovattivi u kreattivi. L-akbar sfida bħalissa hija l-infurzar ta' impenji eżistenti, partikolarment f'ekonomiji emerġenti. Il-Kummissjoni ddedikat riżorsi konsiderevoli għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u t-titjib ta' l-infurzar ta' l-IPR f'pajjiżi terzi ewlenin bħaċ-Ċina. Tejjibna l-kooperazzjoni ma' soċji bħall-Istati Uniti u l-Ġappun fir-rigward ta' l-IPR u ħdimna biex inħarsu l-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' l-UE. Iżda għad fadal ħafna xi jsir.

Is-servizzi huma l-ġebla tax-xewka ta' l-ekonomija ta' l-UE. Jirrappreżentaw 77% tal-PGD u l-impjiegi, qasam ta' vantaġġ komparattiv Ewropew bl-akbar potenzjal għat-tkabbir fl-esportazzjoni mill-UE. Il-liberalizzazzjoni gradwali fil-kummerċ globali fis-servizzi hija fattur importanti fit-tkabbir ekonomiku ġejjieni, ukoll fid-dinja li qed tiżviluppa. L-UE se jeħtiġilha tinnegozja sabiex tilliberalizza l-kummerċ fis-servizzi ma' msieħba kummerċjali ewlenin, speċjalment fejn l-aċċess għas-swieq huwa batut jew fejn l-imsieħba tagħna ftit ħadu impenji fi ħdan il-WTO.

It-titjib tal-kundizzjonijiet ta' **investiment** f'pajjiżi terzi għas-servizzi u setturi oħra jista' jagħmel kontribut importanti għat-tkabbir ekonomiku, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li jirċevuh. Hekk kif il-katini tal-provvista jiġu globalizzati, il-kapaċità li ninvestu liberament fi swieq terzi ssir aktar importanti. Il-ġografija u l-prossimità għadhom importanti. L-istabbiliment ta' preżenza "fiżika" f'pajjiż barrani jgħin lill-kumpaniji ta' l-UE sabiex jirrealizzaw opportunitajiet kummerċjali, jwasslu għal prevedibbiltà akbar tal-fluss kummerċjali u jikkonsolida l-immaġni u r-reputazzjoni ta' l-impriża u tal-pajjiż ta' l-oriġni.

Il-**kuntratti pubbliċi** huma qasam ta' potenzjal sinifikanti li għadu mhux sfruttat għall-esportaturi ta' l-UE. Il-kumpaniji ta' l-UE huma mexxejja dinjija f'oqsma bħat-tagħmir tat-trasport, xogħlijiet pubbliċi u utilitajiet. Iżda jħabbtu wiċċhom ma' prassi diskriminatorji fi kważi s-soċji kummerċjali kollha tagħna, u dan effettivament jagħlaq l-opportunitjiet tagħna għall-esportazzjoni. Dan huwa x'aktarx l-akbar settur kummerċjali li għadu mħares minn dixxiplini multilaterali.

In-nuqqas ta' regoli dwar il-**kompetizzjoni** u dwar l-għajnuna mill-istat f'pajjiżi terzi jillimita l-aċċess għas-swieq peress li jibni ostakli ġodda li jissostitwixxu t-tariffi jew ostakli tradizzjonali mhux ta' natura tariffarja. L-UE għandha interess strateġiku fl-iżvilupp ta' regoli internazzjonali u l-kooperazzjoni f'politiki ta' kompetizzjoni sabiex tiżgura li kumpaniji Ewropej f'pajjiżi terzi ma' jbatux minn sussidjar żejjed ta' kumpaniji lokali jew prassi antikompetittivi. Għad hemm ħafna xi jsir f'dan il-qasam. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ftit hemm trasparenza dwar l-għoti ta' l-għajnuna.

F'dawn l-oqsma kollha huma essenzjali regoli trasparenti, effettivi u rispettati. L-infurzar tajjeb ta' regoli bħal dawn f'darna huwa l-bażi tal-kompetittività tagħna. Iżda jeħtieġ ukoll li naħdmu ma' l-oħrajn sabiex niżguraw li r-regoli u l-istandards tagħhom ikunu ta' kwalità simili.

4. AĠENDA: PJAN TA' AZZJONI GĦALL-KOMPETITTIVITÀ ESTERNA TA' L-UE

Abbażi ta' din l-analiżi, għandna nibnu aġenda għall-azzjoni fix-xhur u s-snin li ġejjin. L-għanijiet tagħna għandhom ikunu li ninfluwenzaw il-forzi li jmexxu l-bidla, li naħtfu l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni u li nieħdu ħsieb ir-riskji. Din hija l-isfida li tinsab fil-qalba tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Mejju 2006, *Aġenda taċ-Ċittadini għall-Ewropa*. Ir-rwol tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, il-Parlament u oħrajn, fit-tmexxija tal-politika kummerċjali ta' l-UE huwa sors uniku ta' saħħa għall-Ewropa – rwol li l-ebda qasam ta' politika ieħor ma' għandu. Madankollu, rridu niżguraw li l-prijoritajiet u l-metodi tagħna jkunu adattati għall-isfidi tal-ġejjieni.

4.1. Intern

L-istrateġija mġedda ta' Liżbona tipproponi aġenda koerenti għall-adattament ta' l-ekonomiji Ewropej għall-ambjent globali ġdid. Sabiex niżguraw li r-regoli domestiċi tagħna jirrispondu għall-pressjonijiet u l-opportunitajiet ġodda, *l-Aġenda taċ-Ċittadin* tipproponi reviżjoni fundamentali tas-suq uniku. B'hekk jiġi eżaminat kif is-suq intern jista' jgħin aktar lin-negozju Ewropew sabiex jagħmel it-tibdiliet meħtieġ sabiex jikkompeti internazzjonalment permezz tad-diversifikazzjoni, l-ispeċjalizzazzjoni u l-innovazzjoni. Iżda hemm inizjattivi oħra ta' politika li għandna nsegwu issa.

Il-proċess tagħna ta' tfassil ta' politika għadu jinkludi l-isfidi globali għall-kompetittività. Aktar ma jkunu konsistenti r-regoli u l-prassi ma' l-imsieħba ewlenin tagħna, aktar imur tajjeb in-negozju fl-UE. Jeħtieġ li jkollna rwol ewlieni fil-qsim ta' l-aqwa prassi u fl-iżvilupp ta' regoli u standards globali. Sabiex nagħmlu dan b'mod effettiv jeħtieġ li nqisu d-dimensjoni esterna fit-tfassil ta' l-istandards regolatorji u standards oħra tagħna. Dan ma jirrigwardax regolamentazzjoni anqas stretta. Dan jirrigwarda approċċ miftuħ u flessibbli fl-iffissar tar-regoli tagħna u li nfittxu li ma nippermettux frizzjoni kummerċjali fil-ġejjieni – u b'hekk nappoġġaw in-negozju Ewropew – kull fejn hu possibbli. Dan huwa diġà parti mill-aġenda tagħna għal regolamentazzjoni aħjar fl-UE, iżda nistgħu naħdmu aktar minn hekk. Għal dan il-għan kooperazzjoni regolatorja internazzjonali u bilaterali hija għodda essenzjali.

Iċ-ċittadini Ewropej jistennew li jaraw riżultati pożittivi mit-tibdil ekonomiku u strutturali. Ir-raġunijiet għas-swieq miftuħa jkunu mhedda jekk il-benefiċċji li jirriżultaw minnhom ma jaslux għand iċ-ċittadini. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom rwoli importanti fl-iżgurar li l-benefiċċji tal-ftuħ tal-kummerċ u l-globalizzazzjoni jilħqu ċ-ċittadini kollha u ma jinqabdux minn interessi speċifiċi. Wara li ġie lliberalizzat il-kummerċ fit-tessuti fi tmiem l-2005, dawn il-benefiċċji ma' ġewx trażmessi b'konsistenza. Il-Kummissjoni se twaqqaf monitoraġġ sistematiku tal-prezzjoni ta' l-importazzjoni u l-konsum qabel ma tikkunsidra azzjoni ulterjuri.

Il-kumpaniji u n-nies, jeħtieġu ż-żmien u l-prevedibbiltà biex jadattaw. Il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ta' politika ta' koeżjoni ta' l-UE jipprovdu opportunitajiet sabiex jiġu antiċipati, ssir tħejjija għal u tingħata risposta għat-tibdil marbut mal-globalizzazzjoni. Dawn l-opportunitajiet iridu jinħatfu. Il-Fond Ewropew għall-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni se jipprovdi wkoll risposta mgħaġġla għal problemi partikolari ddefiniti sew li jirriżultaw mir-ristrutturar. L-għan għandu jkun li nippromwovu l-adattament, it-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi, u mhux li nipproteġu impjiegi individwali jew kumpaniji minn tibdil inevitabbli. Se nkomplu wkoll inħaffu l-kummerċ għall-kumpaniji f'darna, nimmodernizzaw id-dwana fl-UE billi nirrevedu l-kodiċi doganali u nintroduċu d-dwana elettronika.

4.2. Estern

i) Id-WTO

Id-dinja teħtieġ sistema kummerċjali multilaterali b'saħħitha. Hija l-aktar mod effettiv sabiex nespandu u mmexxu l-kummerċ għall-benefiċċju ta' kulħadd u din tipprovdi qafas uniku sabiex jissolvew id-diverġenzi.

L-Ewropa mhix se tirtira mill-multilateraliżmu. Nibqgħu sodi fl-impenn tagħna għall-multilateraliżmu u lesti nħallsu, raġjonevolment, sabiex inżommu s-sistema vitali. Is-sospensjoni tan-negozjati ta' Doha hija opportunità mitlufa għat-tkabbir globali u l-iżvilupp. L-UE għamlet offerti sinifikanti ta' liberalizzazzjoni, mhux lanqas fl-agrikoltura, u għamiltha ċara li hija lesta tkompli sejra fi ħdan il-limiti tal-mandat attwali tagħha, bħala parti minn ftehim globali. **L-Ewropa tibqa' impenjata għad-WTO u qed taħdem ħafna sabiex terġa' tibda n-negozjati malli jippermettu ċ-ċirkostanzi f'pajjiżi oħra.**

ii) Ftehimiet ta' Kummerċ ħieles

Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (Free Trade Agreements(FTA)), jekk jitqiesu b'attenzjoni, jistgħu jinbnew fuq ir-regoli tal-WTO u regoli internazzjoni oħra billi jagħmlu aktar, b'rata aktar mgħaġġla fil-promozzjoni ta' ekonomiji miftuħa u l-integrazzjoni, billi jindirizzaw kwistjonijiet li mhumiex lesti għad-diskussjonijiet multilaterali u billi jwittu t-triq għal-livell li jmiss ta' liberalizzazzjoni multilaterali. Ħafna kwistjonijiet ewlenin, fosthom l-investiment, il-kuntratti pubbliċi, il-kompetizzjoni, kwistjonijiet regolatorji oħra u infurzar ta' l-IPR, li għalissa m'humiex fl-ambitu tad-WTO jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' l-FTAs.

Madankollu, l-FTAs jistgħu wkoll iġorru riskji għas-sistema kummerċjali multilaterali. Jistgħu jikkumplikaw il-kummerċ, jherru l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u jeskludu l-aktar ekonomiji dgħajfa. Sabiex ikollhom impatt pożittiv, l-FTAs iridu jkunu komprensivi fl-ambitu, jipprovdu għal-liberalizzazzjoni sostanzjalment tal-kummerċ kollu u jmorru lil hinn mid-dixxiplini tad-WTO. Il-prijorità ta' l-UE se tkun li tiżgura li kwalunkwe FTAs ġodda, inkluża dik tagħna, jservu bħala triq lejn, u mhux xkiel għal-liberalizzazzjoni multilaterali.

L-FTAs ma huma bl-ebda mod ġodda għall-Ewropa. Pereżempju, għandhom rwol importanti fil-viċinat Ewropew billi jsaħħu r-rabtiet ekonomiċi u regolatorji fi ħdan l-UE. Huma parti min-negozjati tagħna għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi Afrikani tal-Karibew u dawk tal-Paċifiku u ftehimiet ta' assoċjazzjoni fil-ġejjieni ma' l-Amerika Ċentrali u l-Komunità ta' l-Andes. Iżda filwaqt li l-ftehimiet bilaterali attwali tagħna jappoġġaw tajjeb l-għanijiet tal-viċinat u ta' l-iżvilupp tagħna, l-interessi kummerċjali ewlenin tagħna, fosthom dawk fl-Ażja, mhux moqdija daqshekk tajjeb. Il-kontenut ta' dawn il-ftehimiet ukoll jibqa' limitat. Fl-iżviluppi kummerċjali bilaterali, għandna nibqgħu inqisu kwistjonijiet oħra kif ukoll ir-rwol usa' tal-politika kummerċjali fir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE. Iżda sabiex il-politika kummerċjali tkun tista' tgħin fil-ħolqien ta' l-impjiegi u fl-ixprunar tat-tkabbir, għandhom ikunu l-fatturi ekonomiċi li jkollhom rwol primarju fl-għażla ta' FTAs fil-ġejjieni.

Il-kriterji ekonomiċi ewlenin għal imsieħba ġodda ta' l-FTA għandhom ikunu l-potenzjal tas-swieq (daqs ekonomiku u tkabbir) u l-livell ta' ħarsien kontra l-interessi ta' l-esportazzjoni mill-UE (ostakli tarriffarji u mhux tariffarji) Għandna wkoll inqisu n-negozjati ta' l-imsieħba potenzjali tagħna mal-kompetituri ta' l-UE, l-impatt li x'aktarx ikollu dan fuq is-swieq u l-ekonomiji ta' l-UE, kif ukoll ir-riskju li l-aċċess preferenzjali għas-swieq ta' l-UE li bħalissa qed igawdu minnu msieħba tagħna ġirien u pajjiżi li qed jiżviluppaw, jibda sejjer lura.

Abbażi ta' dawn il-kriterji **ASEAN**, **Korea** u **Mercosur** (li magħhom għaddejjin in-negozjati) joħorġu bħala prijoritajiet. Jikkombinaw livelli għolja ta' ħarsien ma' potenzjal ta' swieq kbar u huma attivi fil-konlużjonijiet ta' FTAs mal-kompetituri ta' l-UE> L-**Indja, ir-Russja** u l-**Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf** (attwalment ukoll għaddejjin in-negozjati) huma ta' interess dirett għall-UE għaliex huma wkoll għandhom kombinazzjoni ta' potenzjal tas-swieq u livelli ta' protezzjoni. Iċ-Ċina wkoll tissodisfa ħafna minn dawn il-kriterji, iżda tesiġi attenzjoni speċjali minħabba fl-opportunitajiet u r-riskji li tippreżenta.

F'termini ta' kontenut, FTAs ġodda xprunati mill-kompetittività jeħtieġ li jkunu komprensivi u ambizzjużi fl-ambitu, u jimmiraw lejn l-ogħla livell possibbli ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ inkluża liberalizzazzjoni wiesgħa tas-servizzi u l-investiment. Għandu jiġi żviluppat mudell ġdid ta' ftehim dwar investiment ta' l-UE b'koordinazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri. Fejn l-imsieħba tagħna jkunu ffirmaw FTAs ma' pajjiżi oħra li huma kompetituri ma' l-UE, għandna għallinqas infittxu parità sħiħa. Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u l-forom kollha ta' dazi, taxxi u imposti u restrizzjonijieit oħra fuq l-esportazzjoni għandhom jiġu eliminati.

L-FTAs għandhom jindirizzaw ukoll ostakli ta' natura mhux tariffarja permezz ta' konverġenza regolatorja kull fejn hu possibbli u jkun fihom dispożizzjonijiet sodi dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ. Għandhom jinkludu dispożizzjonijiet aktar sodi għall-IPR u l-kompetizzjoni, fosthom pereżempju dispożizzjonijeit dwar l-infurzar ta' drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali fuq l-istess linji tad-Direttiva tal-KE dwar l-Infurzar. Nippruvaw ninkludu dispożizzjonijiet dwar governanza tajba f'oqsma finanzjarji, tat-taxxa u ġudizzjarji kull fejn ikun xieraq. Għandna niżguraw ukoll li r-Regoli ta' l-Oriġini ta' l-FTAs ikunu sempliċi u aktar moderni u jirriflettu r-realtajiet tal-globalizzazzjoni. Se nistabbilixxu mekkaniżmi interni għall-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni u r-riżultati li jinkisbu minn FTAs ġodda.

Aħna u nikkunsidraw FTAs ġodda, se jkun jeħtiġilna naħdmu sabiex insaħħu l-iżvilupp sostenibbli permezz tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali. Dan ikun jista' jinkludi l-inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda ta' kooperazzjoni f'oqsma marbuta ma' standards ta' xogħol u ta' ħarsien ambjentali. Se nqisu wkoll il-ħtiġijiet ta' żvilupp ta' l-imsieħba tagħna u l-impatt potenzjali ta' kwalunkwe ftehim fuq pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw, partikolarment l-effetti potenzjali fuq l-aċċess preferenzjali li għandhom il-pajjiżi foqra għas-swieq ta' l-UE. L-impatt possibbli fuq l-iżvilupp għandu jiġi inkluż bħala parti mill-evalwazzjoni ta' impatt kumplessiv li se jsir qabel ma jiġi deċiż li jinfetħu n-negozjati dwar l-FTA. Bi qbil mal-pożizzjoni tagħna fid-WTO, se ninkoraġġixxu lill-imsieħba tagħna fl-FTA sabiex jiffaċilitaw l-aċċess li jkollhom l-inqas pajjiżi żviluppati għas-suq tagħhom, jekk hu possibbli billi jippermettulhom aċċess mingħajr dazji u kwoti.

Dawn huma kisbiet ambizzjużi ferm. In-negozjar ta' ftehimiet bilaterali jista' jkun kumpless u esiġenti, iżda jeħtieġ li noħolqu punti ta' tluq sostanzjali li minnhom inkunu nistgħu nagħtu bidu għan-negozjati. Se jkun jeħtiġilna li naqsmu ambizzjonijiet simili ma' l-imsieħba prospettivi tagħna mill-bidu nett sabiex nevitaw li aktar tard jeħlu n-negozjati minħabba nuqqas ta' qbil f'dak li nkunu qed nistennew. Id-deċiżjoni li nagħtu bidu għan-negozjati għandha tittieħed skond il-każ, abbażi ta' dawn il-kriterji ekonomiċi iżda wkoll abbażi ta' kemm ikunu lesti jagħmlu dan l-imsieħba tagħna u konsiderazzjonijiet politiċi usa'. Id-dispożizzjonijiet ta' l-FTA għandhom ikunu parti integrali mir-relazzjonijiet globali mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernat. L-aqwa mod sabiex isir dan fi ħdan l-artikitettura istituzzjonali usa' se jeħtieġ li jiġi stabbilit skond il-każ.

iii) Il-Kummerċ u l-Kompetittività Tranżatlantiċi

Ir-relazzjoni kummerċjali tranżatlantika hija bil-wisq l-akbar fid-dinja u fil-qalba ta' l-ekonomija globali. Il-kisbiet ekonomiċi mill-indirizzar ta' l-ostakli mhux tradizzjonali u ta' wara l-fruntieri huma potenzjalment sinifikanti fl-UE u fl-Istati Uniti. Ilna nippruvaw nagħmlu dan għal xi żmien, l-aktar reċentement permezz ta' l-Inizjattiva Ekonomika Tranżatlantika, mnedija fl-2005, u medda ta' djalogi regolatorji. Minkejja ċertu progress, irriżulta li dan huwa territorju diffiċili u neħtieġu nerġgħu nagħtu spinta lil dan il-proċess.

Jeħtieġ li naħdmu flimkien sabiex nindirizzaw sfidi globali. Il-parti tagħna fl-ekonomija dinjija timplika li l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fl-indirizzar ta' oqsma bħall-ħarsien ta' l-IPR jew is-sigurtà tal-kummerċ se tkun ta' importanza kbira.

iv) Iċ-Ċina

Iċ-Ċina hija l-uniku u l-akbar test tal-kapaċità li għandha l-Ewropa sabiex tittrasforma l-globalizzazzjoni f'opportunità għall-impjiegi u t-tkabbir. Iċ-Ċina għandha quddiemha sfidi kbar fl-indirizzar ta' kwistjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi urġenti. L-Ewropa jkollha timxi kif għandu jkun maċ-Ċina, bħala opportunità, bħala sfida u bħala imsieħba prospettivi.

Il-Kummissjoni se tfassal strateġija komprensiva dwar iċ-Ċina fil-ġimgħat li ġejjin. Fir-rigward tal-kummerċ u kwistjonijiet ekonomiċi, l-istrateġija se tidentifika sett ċar ta' prijoritajiet, tiffoka fuq sfidi ċentrali bħall-infurzar ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, kwistjonijiet dwar l-aċċess għas-swieq u opportunitajiet ta' investiment u tenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-Kummisjoni, l-Istati Membri u oħrajn fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet.

v) L-infurzar ta' l-IPR

L-UE għandha tfittex li ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar l-IPR fi ftehimiet bilaterali fil-ġejjieni kif ukoll l-infurzar ta' impenji eżistenti sabiex tnaqqas il-ksur ta' IPR u l-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti foloz. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-attività ta' infurzar u kooperazzjoni ma' numru ta' pajjiżi prijoritarji, partikolarment maċ-Ċina, ir-Russja, ASEAN, il-Korea, Mercosur, iċ-Ċile u ma' l-Ukrajna; u se naħdmu biex intejbu l-infurzar fit-Turkija fil-kuntest tan-negozjati tas-sħubija. Dan se jinkludi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni doganali, il-ħolqien u t-tisħiħ ta' djalogi dwar l-IPR, it-tisħiħ tal-preżenza tagħna fuq l-art, l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi b'appoġġ għad-detenturi tad-drittijiet, partikolarment l-SMEs, u t-trawwim ta' l-għarfien dwar kwistjonijiet ta' IPR fost il-kumpaniji ta' l-UE, partikolarment dawk li joperaw fiċ-Ċina.

vi) Strateġija mġedda għall-aċċess għas-swieq

L-Istrateġija ta' l-UE għall-Aċċess għas-Swieq ġiet imnedija fl-1996 sabiex tgħin fl-infurzar ta' ftehimiet kummerċjali multilaterali u bilaterali u sabiex tiftaħ is-swieq ta' pajjiżi terzi. Għandha l-għan li tagħti informazzjoni lill-esportaturi dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għas-swieq u toħloq qafas sabiex tindirizza l-ostakli għall-kummerċ. Id-*Database* dwar l-Aċċess għas-Swieq, li nħolqot b'appoġġ għal din l-istrateġija għenet sabiex in-negozju u r-responsabbli għall-politika jkunu infurmati dwar il-kundizzjonijeit tas-swieq, iżda ma' laħqitx il-potenzjal sħiħ tagħha.

Il-Kummissjoni se tippreżenta komunikazzjoni dwar Strateġija Mġedda dwar l-Aċċess għas-Swieq fil-bidu ta' l-2007. X'aktarx li dan se jkun jinvolvi it-twaqqif ta' prijoritajiet regolari

f'dak li jirrigwarda s-setturi u s-swieq fejn it-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ ikun jirriżulta fl-akbar kisbiet għall-esportaturi ta' l-UE.

Il-Kummissjoni se teħtieġ li tikkonċentra r-riżorsi f'ċerti pajjiżi, tinvesti fl-għarfien tekniku, tikkoordina għodod ta' politika u taħdem aktar mill-qrib ma' l-Istati Membri u l-industrija/esportaturi. Għandna wkoll nutilizzaw l-esperjenza ta' negozjati eżistenti sabiex nidentifikaw x'jaħdem u x'ma jaħdimx meta nfittxu li nneħħu ostakli aktar kumplessi.

vii) Il-Kuntratti pubbliċi

Kważi l-imsieħba maġġuri kollha ta' l-UE joperaw prassi restrittivi fil-kuntratti pubbliċi li jiddiskriminaw kontra l-forituri li ġejjin mill-UE. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra li tressaq proposta sabiex jiġu indirizzati dawn il-prassi sabiex tiżgura kundizzjonijiet ġusti għall-forituri ta' l-UE meta jitfgħu l-offerti għal kuntratti pubbliċi f'pajjiżi barranin.

L-aħjar mod sabiex nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet huwa li ninkoraġġixxu lil pajjiżi terzi sabiex jinnegozjaw ftehimiet sostanzjali ma' l-UE. Minħabba li swieq ta' l-UE miftuħa huma importanti għall-ġid tagħna, l-isfida hi li nsibu modi ġodda sabiex niftħu swieq kbar barranin tal-kuntratti pubbliċi mingħajr ma ngħalqu tagħna. Għalhekk, fejn imsieħba kummerċjali importanti għamluha ċara li ma jridux jimxu lejn ir-reċiproċità, għandha nikkunsidraw bir-reqqa restrizzjonijiet immirati fuq l-aċċess għal xi biċċiet mis-suq ta' l-EU tal-kuntratti pubbliċi sabiex ninkoraġġixxu lill-imsieħba tagħna sabiex joffru ftuħ reċiproku tas-swieq. Dan l-approċċ ma jitqiesx għall-ifqar pajjiżi li qed jiżviluppaw.

viii) Ħarsa lura lejn l-Istrumenti ta' Difiża Kummerċjali

L-istrumenti ta' difiża kummerċjali huma parti mis-sistema multilaterali u jgħinu sabiex niżguraw li l-benefiċċji tas-swieq miftuħa ma jkunux preġudikati minn prezzijiet, prassi kummerċjali jew sussidji inġusti. Jeħtieġ li niżguraw li l-oħrajn japplikaw standards għolja fl-użu ta' strumenti ta' difiża kummrċjali u li r-regoli internazzjonali jiġu rrispettati bis-sħiħ.

Jeħtieġ ukoll li niżguraw li l-istrumenti jkunu effettivi u li jkunu adattati għat-tibdil fl-ekonomija globali. Pereżempju, il-manifatturi fl-UE jikkompetu dejjem aktar mad-distributuri Ewropej li jkunu bagħtu l-produzzjoni barra – kemm-il darba l-uniku mod sabiex jirrispondu għall-kompetizzjoni internazzjonali u b'hekk jassiguraw l-impjiegi fl-Ewropa. Il-forituri jipproduċu f'aktar minn pajjiż wieħed, kemm-il darba kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE. Il-prodotti armati f'pajjiż ħafna drabi jkun fihom biċċiet li ġew prodotti f'pajjiż ieħor. Il-konsumaturi u manifatturi oħra jistennew il-benefiċċji ta' għażla usa', prezzijiet aktar baxxi u standards ogħla. Jeħtieġ li nqisu jekk l-istrumenti tagħna jippermettulniex li nqisu din il-medda wiesa' ta' interessi Ewropej.

Fil-każ ta' sussidji inġusti, jeħtieġ li nsaħħu r-rekwiżiti ta' trasparenza fuq il-livell itnernazzjonali u nsaħħu l-kapaċità tagħna li nissorveljaw il-prassi f'pajjiżi terzi. Fejn dan ikun ġustifikat, se nużaw il-mekkaniżmi tad-WTO biex jissolva t-twilwim jew l-istrumenti tagħna stess kontra s-sussidji sabiex inneħħu l-prassi barranin li jgħawġu żżejjed il-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni se tiġbor l-opinjonijiet mill-esperti u l-partijiet interessati sabiex tqis kif tkun tista' ssaħħaħ l-użu tagħna ta' strumenti ta' difiża kummerċjali fis-seklu 21. Dan se jwassal għal *Green Paper* aktar tard din is-sena.

5. KONKLUŻJONI

L-iżgurar tal-kompetittività ta' l-Ewropa fl-ekonomija globali billi jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ se jesiġi prijoritajiet u approċċi ġodda fil-politika kummerċjali, flimkien ma' regoli ta' kwalità għolja ta' l-UE, u rabtiet aktar b'saħħithom bejn dawn it-tnejn. Se jeħtieġ li tkun parti integrali ta' strateġija usa' ta' Liżbona. Se teħtieġ kooperazzjoni aktar b'saħħitha fi ħdan il-Kummissjoni u ma' l-Istati Membri, l-industrija u oħrajn, bi qbil mal-proposti dwar il-koerenza fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "l-Ewropa fid-Dinja".

Il-mezzi prinċipali u sostantivi sabiex nilħqu l-għanijiet tagħna jibqgħu fi ħdan is-sistema ta' negozjar multilaterali. Huwa għalhekk li l-Ewropa tibqa' impenjata ferm lejn il-multilateraliżmu. Is-sistema ta' kummerċ dinji bbażata fuq id-WTO hija essenzjali għall-prevedibbiltà, l-istabbiltà u l-kundizzjonijiet essenzjali l-oħra għat-tkabbir globali Se jkun jeħtiġilna li nsegwu opportunitajiet ġodda, ir-raffinar ta' l-isforzi sabiex niftħu s-swieq u nindirizzaw tgħawwiġ kummerċjali fi ħdan is-sistema multilaterali u permezz ta' inizjattivi bilaterali. Se nippruvaw noħolqu l-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni globali miftuħa u ġusta u li naqsmu r-regoli u l-istandards tagħna ma' l-imsieħba tagħna.

Fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni tipproponi:

Internament:

- Niżguraw li l-**proposti tal-politiki interni, filwaqt li jtejbu l-istandards Ewropej, huma kompatibbli ma' l-isfidi globali tal-kompetittività**

- Niżguraw li **l-benefiċċji mill-ftuħ tas-swieq jgħaddu** għand iċ-ċittadini billi nissorveljaw l-iżviluppi fil-prezzijiet ta' l-importazzjoni u tal-konsumaturi.

- **Inħejju l-poplu għall-bidla** permezz tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ta' politika ta' koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

Esternament:

- Se nżommu l-**impenn tagħna għan-Negozjati Kummerċjali ta' Doha** u ldWTO bħala l-aħjar mod għall-ftuħ u l-ġestjoni tal-kummerċ dinji.

- Nagħmlu proposti dwar il-prijoritajiet fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment maċ-**Ċina** bħala parti minn strateġija wiesgħa sabiex nibnu sħubija benefiċjali u ġusta.

- Nagħtu bidu għat-tieni fażi ta' l-istrateġija ta' l-UE dwar l-**infurzar ta' l-IPR**.

- Nagħmlu proposti għal **ġenerazzjoni ġdida ta' FTAs magħżula u prijoritizzati bir-reqqa**

- Nagħmlu proposti għal **strateġija ġdida u msaħħa dwar l-aċċess għas-swieq.**

- Nipproponu miżuri sabiex niftħu s-swieq barranin tal-**kuntratti pubbliċi**.

- **Inħarsu lura lejn kemm huma effettivi l-istrumenti tagħna ta' difiża kummerċjali**.

Din se tkun aġenda ambizzjuża maħsuba sabiex tiffoka l-kontribut tal-politika kummerċjali fuq it-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa, sabiex tikkontribwixxi għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ globali u sabiex tikkomplementa għanijiet oħra ta' politika esterna fi ħdan il-politka

kummerċjali tagħna, partikolarment għanijiet marbuta ma' l-iżvilupp u mal-viċinat. Se tkun element ċentrali biex inqisu kemm hi effettiva il-politika kummerċjali Ewropea fix-xhur u s-snin li ġejjin.

Statistical Annex (intra-EU trade excluded)

Table 1: Market potential and key economic indicators of main EU trade partners

	Market potential 2005-25 (€ bn)**	GDP (2005, €Bn)	Annual average growth rates 2005-25 (%)*	Trade with the EU (2005, €Bn)	Share of EU trade (2005, %)
USA	449	10 144	3.2	412.7	18.5
China	204	1 573	6.6	209.4	9.4
Japan	74	3 920	1.6	116.4	5.2
India	58	607	5.5	40.0	1.8
ASEAN	57	714	4.9	115.1	5.2
Korea	45	598	4.7	53.3	2.4
Mercosur	35	677	3.6	51.0	2.3
Canada	28	849	2.6	40.8	1.8
GCC	27	412	4.3	87.6	3.9
Russia	21	526	3.0	163.0	7.3
Taiwan	18	268	4.3	36.5	1.6
Australia	17	526	2.5	30.1	1.4
HK	12	149	4.8	31.1	1.4
Iran	10	151	4.3	24.2	1.1
Ukraine	5	61	4.9	20.7	0.9

Source: World Bank, Global Insights and own calculations. *Note:* * Growth figures from Global Insights 2007-15.

** Indicates cumulative changes in market size: *economic size x growth*.

Table 2: World market shares in 2003 and change over the 1995-2003 period

	market share 2003 (in %)	change in market share between 1995 and 2003 (in percentage points)
EU	**21.3**	***-1.1***
Japan	**10.5**	***-4.0***
Korea	**4.4**	***0.3***
Russia	**1.4**	***0.3***
India	**1.2**	***0.2***
Ukraine	**0.3**	***0.2***
USA	**13.8**	***-2.7***
China	**1.2**	***5.1***
Hong Kong	**1.8**	***0.5***
Mediterranean	**1.7**	***0.3***
GCC	**0.6**	***0.1***
Mercosur	**2.2**	***-0.1***
Brazil	1.6	*0.0*
ASEAN	**8.3**	***0.2***
Rest of the world	**18.6**	***0.6***

Note: The sum of figures in the first column equals 100, the sum of figures in the last column is 0.

Source: UN Comtrade – Calculation by CEPII (2006) – report for DG Trade

Table 3: World market shares in low-, medium-, and high-quality products in 2003 and change over the 1995-2003 period

(level in percent and variation in percentage points)

	down-market		mid-market		up-market	
	2003	Variation	2003	Variation	2003	Variation
EU	12.9	*-1.8*	20.0	*2.0*	32.3	*3.1*
Japan	6.7	*-2.2*	11.7	*-4.4*	15.2	*-6.9*
Korea	5.1	*-0.1*	4.4	*0.8*	3.1	*-0.6*
USA	12.0	*-3.7*	13.6	*-4.1*	17.9	*0.2*
China	20.4	*8.1*	8.2	*4.6*	3.7	*1.5*
Mercosur	3.0	*0.1*	4.2	*0.6*	0.9	*-0.1*
ASEAN	7.4	*-2.8*	7.7	*-1.5*	5.3	*-0.3*

Source: UN Comtrade – Calculation by CEPII (2006) – report for DG Trade

Table 4: Contribution to the trade balance by quality of traded goods in 1995 and 2003

	EU	USA	Japan	Korea	India	Russia	China
				2003			
Low-market	**-56.6**	**-47.1**	**-18.9**	**74.8**	**73.2**	14.1	**182.7**
Mid-market	**-15.8**	5.2	**30.1**	-19.2	**-43.8**	**39.3**	-57.0
Up-market	**75.8**	20.2	-0.9	**-55.4**	-36.9	**-66.5**	**-88.9**
not classified	**-3.4**	**21.7**	-10.3	-0.3	7.6	13.1	-36.8
Degree of specialisation	***67.8***	***35.3***	***24.8***	***67.2***	***65.6***	***55.2***	***148.5***
				1995			
Low-market	**-36.5**	**-36.4**	**-16.0**	**108.4**	**49.9**	**59.3**	**109.7**
Mid-market	**-20.8**	**25.1**	**23.9**	-39.0	**-29.6**	42.6	-41.3
Up-market	**61.0**	10.1	-4.6	**-68.5**	-61.3	**-112.5**	**-63.4**
not classified	**-3.7**	1.3	-3.3	-0.9	41.0	10.6	-5.0
Degree of specialisation	***52.3***	***32.1***	***20.5***	***94.8***	***57.3***	***94.7***	***94.2***

Note: when quantities are not available the breakdown by quality ranges is not possible. **Source**: UN Comtrade – Calculation by CEPII (2006), report for DG Trade.

Table 5: Contribution to Trade Balance of high technology products by quality in 2003

	Quality	EU25	USA	Japan	Korea	Russia	India	China
High technology	**all**	**-12.7**	**28.9**	**3.7**	**29.5**	**10.9**	**-44.4**	**-8.9**
	not classified	**-4.0**	4.1	-0.4	-0.3	-0.2	-0.9	-3.5
	Low-market	**-11.4**	3.5	4.2	3.7	6.2	-17.8	38.8
	Mid-market	**-2.0**	6.7	6.1	7.8	-2.0	-7.1	-15.4
	Up-market	**4.8**	14.6	-6.1	18.4	6.8	-18.6	-28.7
Others	**all**	**12.7**	**-28.9**	**-3.7**	**-29.5**	**-10.9**	**44.4**	**8.9**
	not classified	**0.6**	**17.7**	-9.9	0.0	13.4	8.5	-33.3
	Low-market	**-45.2**	**-50.6**	**-23.1**	**71.2**	7.8	**90.9**	**144.0**
	Mid-market	**-13.8**	-1.4	**24.0**	-26.9	**41.3**	**-36.7**	-41.6
	Up-market	**71.1**	5.5	5.2	**-73.7**	**-73.3**	-18.3	**-60.2**

Note: when quantities are not available the breakdown by quality ranges is not possible.
Source: UN Comtrade – Calculation by CEPII (2006), report for DG Trade.

Share in World FDI Flows 2002-2004



Source: UNCTAD, Eurostat

World is calculated excluding intra-EU Trade.



EU excluding intra EU Trade **Candidates** Bulgaria, Croatia, Romania, Turkey
Efta Iceland, Norway, Switzerland ***Medit.Countries** Algeria, Egypt, Israel, Jordan, Morocco, Syrian Arab Rep, Tunisia **Latin America** including the Caribbean
Mercosur Argentina, Brazil, Paraguay, Uruguay **Asean** Brunei, Cambodia, Indonesia, Laos, Malaysia, Myanmar, Philippines, Singapore, Thailand, Vietnam.